A.L. 108 ta' l-2000

ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT PUBBLIKU (KAP. 332)

Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27 ta' l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, bil-kunsens tal-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni, għamlet ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1982 dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 14 ta' l-1982.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fis-6 ta' April, 2000.

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok it-Tabella II ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tidħol din it-tabella ġdida li ġejja:–

"TABELLA II

SERVIZZI GĦAL GĦAWDEX – NOLIJIET GĦAL OMNIBUSES BIL-MUTUR

Għal kull traġitt fl-istess belt jew raħal	4c
Għal kull traġitt bejn bliet u rħula differenti	15c
Għal kull traġitt b'rotta diretta minn Victoria sa Dwejra u mid-Dwejra għal Victoria, u minn Victoria sar-Ramla l-Ħamra u mir-Ramla l-Ħamra sa Victoria	25c
Għal kull traġitt fil-jiem kollha tal-ġimgħa minbarra l-Ħdud u l-festi pubbliċi għall-passiġġieri kollha li jużaw it-trasport pubbliku bejn il-5.30 a.m. u t-8 a.m. kif ukoll għall-ħaddiema tal-Qasam Industrijali tax-Xewkija bejn il-3.45 p.m. u l-4.15 p.m.	10c

Għal kull traġitt li jsir minn persuni residenti Għawdex li jkunu f'pussess ta' dikjarazzjoni neċessarja maħruġa mill-Ministeru għal Għawdex, li dik il-persuna tkun taħdem jew tistudja Malta, għal kull traġitt mill-Mġarr għal Victoria bejn l-4 p.m. u s-6 p.m. bejn il-15 ta' Settembru u 30 ta' Ġunju u bejn is-2 p.m. u l-4 p.m. fil-ġranet l-oħra kollha 10c

Tfal bejn l-età ta' 3 snin u 10 snin iħallsu 5c

Tfal li jkunu sejrin jew ġejjin minn xi skola matul il-perijodi murijin fil-paragrafu 13 tad-dispożizzjonijiet ġenerali li għandhom iħallsu 5c jekk ikollhom permess validu.".